# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


**Seduta numru 47 tas-7 Leġislatura**

**L-Erbgħa, 14 ta' Settembru, 2016**

## MINUTI

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 47 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2016, fuq din l-aġenda:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Kommunikazzjonijiet mis-Sindku*
4. *Kuntratt mal-kollettur tal-iskart domestiku*
5. *Proposta ta' żewġ bye-laws ġodda*
6. *Skeda tal-Pagamenti*
7. *Affarijiet Mixxellanji*

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella u il-Kunsilliera Clayton Gauci, Mario Sammut u Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Is-sede ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa preżentement vakanti.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella u bdiet fil-5:35pm.

Qabel ma ngħatat bidu għas-Seduta, is-Sindku ippropona li jinżamm ftit ħin ta' silenzju b' turija ta' rispett lejn in-nannu tal-Kunsillier Clayton Gauci li kien għadu kemm miet xi ftit ġranet qabel. Is-Sindku, f' isem il-Kunsill, wassal il-kondoljanzi lill-familja Gauci.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**Punti mill-Minuti**

dwar punt 3.4 Is-Sindku informa li l-ħsieb kien li il-proġett Pinnuri kellu jiġi inawgurat nhar is-Sibt 10 ta' Diċembru 2016 f' Fomm ir-Riħ.

dwar punt 5.1 Peress li reġa tqajjmet il-kwistjoni tal-ħruġ tal-permessi ta' makkinarju fit-toroq, is-Segretarju Eżekuttiv kien informa li kien ser jikkuntattja lill-LESA u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar. L-aktar waħda li ġiet diskussa fid-dettal kienet l-applikazzjoni PA 04304/16 li kienet qed tipproponi xogħol ta' trenching mill-Enemalta fil-bajja tal-Ġnejna. Il-Kunsill irrisolva li jfittex l-għajnuna tal-perit biex ikollu aktar informazzjoni dwar din l-applikazzjoni biex jara x' reazzjoni ser jieħu dwarha.

2.3 Ġiet diskussa wkoll Ċirkolari mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sħubija tal-Kunsill fil-Local Action Groups. Il-Kunsill innota id-direttiva tad-Dipartiment, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien diġa' issieħeb u ħallas is-sħubija qabel ma ħarġet din iċ-ċirkolari.

**3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku informa li kien hemm il-ħsieb li parti mill-fondi tal-iskema tal-libreriji kienet ser tmur biex jinxtara kabinett għall-istivar tal-kotba. Dan wara li ttieħed il-parir tal-librara. Għaldaqstant kienu inġabru tlett kwotazzjonijiet li ġew imressqa fuq il-mejda. Il-Kunsill qabel unanimament li jgħażel l-offerta ta' Vivendo Group, peress li din kienet l-aktar waħda ekonomikament vantaġġjuża u kienet tilqa' il-bżonnijiet kollha meħtieġa.

3.2 Is-Sindku ressaq il-proposta biex isiru id-djarji tal-Kunsill għas-sena 2017, bħalma jsir kull sena. Il-proposta ġiet aċċettata u ser titpoġġa l-ordni tagħhom.

3.3 Is-Sindku ressaq il-pjan ta' kif ser jinġabar l-iskart domestiku fil-btajjel pubbliċi matul l-2017. Dan ġiet diskuss u maqbul u issa ser jitqassam lir-residenti biex dawn jintalbu jikkooperaw.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

3.4 Is-Sindku informa li kien ġie avviċinat mill-kumpanija Refab biex jiġi installat kollettur ta' ħwejjeġ użati fil-lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta u approva dan.

3.5 Is-Sindku informa li, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kien iltaqa' mal-kumpanija G4S dwar proposta ta' ftehim dwar il-moniteraġġ tas-sistema tas-CCTV fuq il-Bring-In Site ta' Triq Ganfra. Il-Kunsill iddiskuta il-proposta ta' din il-kumpanija u rrisolva li jidħol fi' ftehim għall-perjodu inizzjali ta' 3 xhur, bil-possibilta' li dan il-perjodu jittawwal u jiġġedded.

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jinforma b' dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għad-direzzjoni dwar dan

**4.** ***Kuntratt mal-kollettur tal-iskart domestiku***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza li kien irċieva mingħand il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku, jiġifieri il-Waste Collection Limited, fejn fiha għarraf lill-kunsill li kien qed innaqqas l-operazzjonijiet tiegħu. B' konsegwenza t' hekk, il-kuntrattur kien qiegħed jitlob lill-Kunsill biex, fuq bażi ta' raġuni umanitarja, jinħall mill-kuntratt tiegħu.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u wasal biex jaqbel li, fil-prinċipju, ma kienx isib oġġeżżjoni għall-dan it-talba. Iżda qabel ma jikkommetti ruħu, is-Segretarju Eżekuttiv ser jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan il-każ biex jieħu direzzjoni.

**5. Proposta ta' żewġ Bye-Laws Ġodda**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għal-konsiderazzjoni tal-Kunsill żewġ proposti ta' Bye-Laws ġodda : waħda dwar bejgħ ta' pubblikazzjonijiet u souvenirs, u l-aħħar dwar l-użu u l-kiri tal-postijiet tal-Kunsill. Dan wara li saru taħditiet u ġie ikkunsidrat il-parir legali tal-avukat tal-Kunsill, Dr. Raphael Fenech Adami.

5.2 Dawn iż-żewġ proposti ġew maqbula unanimament mill-Kunsill u għalhekk ser jintbgħatu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-konsiderazzjoni u biex jiġu eventwalment imdaħħlin fis-seħħ.

**6. Skeda tal-Pagamenti**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti tal-Kunsill mill-aħħar Seduta sal-lum għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Din l-iskeda, numru 10/2016 kienet tammonta għall-€33,822.77 fi' ħlasijiet. Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti hekk kif jidhru fl-iskema.

## 7. Affarijiet Mixxellanji

7.1 Eman Vella informa li il-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-PPCD dwar l-applikazzjoni għall-proġett ta' Darrenzi li ma kienx ġie aċċettat. Eman Vella informa li kien qed jistudja possibiltajiet oħra ta' fondi biex jiġi iffinanzjat dan il-proġett.

7.2 Elizabeth Ebejer talbet li jsiru bins ħdejn il-knisja ta' Binġemma. Is-Sindku informa li meta fil-passat kien hemm tali bins, dawn kienu jintużaw b' mod irresponsabbli u kienu jkunu mimljin bi' skart ieħor. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li ma jsirux.

7.3 Elizabeth Ebejer infurmat li kien hemm bżonn tinġibed l-attenzjoni tal-kennies sabiex jitnaddfu b' mod aktar regolari Triq Dun Ġużepp Micallef u Triq Ġorġ Zammit. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikellem lill-kuntrattur dwar dan.

7.4 Elizabeth Ebejer semmiet problema ta' parkeġġ li qed ikun hemm fi' Triq l-Iskorba, fiż-Żebbiegħ.

## Aġġornament

Is-Seduta ntemmet fis-7:06pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 5 t' Ottubru, fil-5.30pm .

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku